MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Numru 11/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**- OMISSIS -**
**JAMAL MUFTAH SALEM ABULKIER**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom - omissis -

U

Jamal Muftah Salem Abulkier ta' 31 sena, bin Muftah u Selma nee' Xatti, imwieled Tripli, il-Libja, fit-13 ta' Frar, 1974 u joqghod fil-font numru: Flt. 1, Triq Palma, Rahal Gdid u detentur tal-karta ta' l-identita' numru: 19809(A)

A) Billi gew akkuzati talli, nhar l-14 ta’ Dicembru, 2004, ghal habta tal-11.10 ta’ filghodu, minn Triq L-Iskola, gewwa Hal Tarxien ikkommettew s-serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Hyundai, mudell Atos. ta’ lewn griz metallic u bin-numru tar-registrazzjoni: LEK-472, ghad-detriment ta’ Frank Caruana mill-Fgura u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta ta’ haga misruqa u bil-valur, liema valur jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u dana bi ksur ta’ l-artikli 271 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B) Akkuzat ukoll talli, nhar it-18 ta’ Dicembru, 2004 u fil-granet ta’ qabel, kellhom fil-pussess taghhom oggetti misruqa jew akkwistati b’qerq, cioe’ vettura ta’ l-ghamla Hyundai, mudell Atos, ta’ lewn griz metallic u bin-numru tar-registrazzjoni: LEK-472 u dana bi ksur ta’ l-art. 286 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

C) U aktar talli nhar it-18 ta’ Dicembru, 2004 u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, saqu vettura ta’ l-ghamla Hyundai, mudell Atos, ta’ lewn griz metallic u bin-numru tar-registrazzjoni: LEK-472, minghar ma kellhom licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew id-Direttur tat-Traffiku, b’hekk ma kinux koperti mill-polza tas-sigurta’ ghal terzi persuni u dana bi ksur ta’ l-art. 15(1)(e)(3) tal-Kap. 65 u art. 3, Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll akkuzati talli saru recidivi b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema saru definittivi.

Lil - omissis - wahdu:

D) - omissis -

E) - omissis -

Lil-Jamal Muftah Salem Abulkier wahdu:

Barra minn hekk talli, Jamal Muftah Salem Abulkier kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu mill-Magistrat Dr. Joseph Cassar LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mid-9 ta’ Settembru, 2002 u

mill-Magistrat Dr. Laurence Quintano LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-22 ta’ Mejju, 2003, liema kundizzjonijiet u sentenzi saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta’ - omissis - u Jamal Muftah Salem Abulkier u dana skond kif inhu mitlub fl-art. 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mall-hatra ta’ l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 20 ta’ April, 2007 (ara fol. 105 tal-Process) u nnutat li l-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li stante li ghadu kif gie nfurmat li l-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier bi hsiebu jammetti xi akkuzi migjuba kontra tieghu, l-akkuza A) li tirrigwarda serq aggravat migjuba kontra l-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier inghatat lill-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza B) li tirrigwarda ricettazzjoni u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza A) migjuba kontra l-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha

migjuba kontra tieghu salv l-akkuza A) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza A).

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 334, 286, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65, l-artikoli 3(1)(2) u 3(2A) tal-Kap. 104 u l-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza A) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier ghall-piena komplessiva ta’ erbatax (14) -il xahar prigunerija u mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu ta’ Ewro (Ewro 232.94) multa.

Rigward l-akkuza A) migjuba kontra l-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza A) migjuba kontra l-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier.
Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Jamal Muftah Salem Abulkier milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tmintax (18) il-xahar millum.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali tordna il-konfiska tal-oggett esebit bhala Dok. BJP 2 (mus).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------